# Tifkiriet ta' l-Imgħoddi

minn P. Dumink Bonello OFMConv.

Sejjer nikteb dwar xi okkażjonijiet li għadni niftakar u li kienu ġraw hawn fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar bejn is-snin 1948 u 1963.

L-ewwel kuntatti li kelli ma' San Pawl il-Baħar kienu mela daqs 58 sena ilu, meta jien kont dħalt mal-Patrijiet Minuri Konventwali, u sibt ruħi fil-kunvent tar-Rabat (Malta) flimkien ma' tliet kjerċi u erba' probandi. Is-Surmast tagħna kien P. Feliċ Sammut OFMConv.

Mhux darba u tnejn konna nkunu mistiedna mill-Kappilan li f'dak iż-żmien kien P. Gian Franġik Grima għal xi funeral biex nieħdu sehem fl-akkumpanjament u l-kant fil-quddiesa. Konna nkunu wkoll mistiedna biex nieħdu sehem f'ċerti festi bħal ngħidu aħna, San Pawl, San Ġużepp, Corpus u l-Qalb ta' Ġesù. Fil-festa titulari ta' Marija Addolorata konna nkunu aktarx vaganzi hawn San Pawl il-Baħar, u allura konna nagħtu s-servizz tagħna f'dak kollu li jkun meħtieġ matul il-jiem tas-Settena, lejlet u nhar il-festa.

Niftakar allura meta żżanżan l-innu l-ġdid tas-Surmast V. Ciappara li jindaq kull sena lejlet u nhar il-festa tad-Duluri. Niftakar ukoll met akien ġie mżanżan l-istandard il-vjola rrakkmat tal-Fratellanza tad-Duluri. Ta' min jgħid li xi snin ilu kien sar ieħor ġdid, u xi rakkmu bqala' mill-qadim u ġie applikat fuq dan il-ġdid.

Okkażjoni oħra li jien niftakar meta kienet inġiebet hawn f'San Pawl il-Baħar l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet inxtrat għall-knisja parrokkjali. Aħna l-istudenti konna nżilna mir-Rabat biex nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ li kien sar b'din l-istatwa. Meta l-pellegrinaġġ wasal wara l-knisja, fejn qabel ma nbniet is-sala parrokkjali kien hemm il-



*Il-Kardinal Luigi Traglia jasal fuq il-gżejjer ta' San Pawl fiċ-Ċentinarju Pawlin.*

ġnien tal-kunvent u bħal terrazzin ċkejken, minn hemm il-Kappillan ta' l-Imġarr, Dun Edgar Salamone kien għamel diskors ta' merħba lill-Madonna ta' Fatima. Għal din l-istatwa kienet saret niċċa tal-kewba, u tqiegħdet qrib l-artal tal-kunċissjoni. Illum kif kulħadd jaf l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima tinsab f'niċċa fil-kappella tal-Kurċifiss.

Billi għal xi snin kont Padova nistudja, allura 'l bogħod minn Malta, naf biss li f'San Pawl il-Baħar kienet qed tinbena s-sala parrokkjali. Lura Malta sibt ruħi fil-kunvent tal-Belt Valletta. Kienet is-sena Marjana ta' l-1954. F'din is-sena kienet tlestiet is-sala u inawgurata fl-14 ta' Novembru. Ġiet imsemmija *Immaculate Conception Hall*. Aħna l-istudenti konna ħadna sehem fl-Akkademja li kienet saret f'ġieħ l-Immakulata u l-ftuħ tas-sala. Kien allura Kappillan P. Serafin Galea.

Fis-26 ta' Marzu 1955 jien ġejt ordnat saċerdot mill-Arċisqof ta' Malta, il-mibki Mons. Mikiel gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina. Il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar kienet sejra tiċċelebra bil-kbir il-50 sena mit-twaqqif tagħha. Il-Provinċjal P. Piju Mamo kien bagħatni hawn San Pawl il-Baħar fix-xahar ta' Lulju biex inkun ta' ghajnuna fil-funzjonijiet li kellhom isiru, u għal kull ħtieġa oħra. Difatti kont ġejt imqabbad biex inpinġi l-Iskrizzjonijiet ta' tifkira: 6 kienu tqiegħdu ġewwa l-knisja, waħda fuq kull arkata, u oħra kbira ħafna li kienet tqiegħdet mal-faċċata tal-knisja fejn il-bieb prinċipali. Sa fejn naf jien m'għandniex kopji ta' dawn l-Iskrizzjonijiet. Tassew ħasra!

Iżda niftakar ukoll li għal dik l-okkazjoni tal-50 sena parroċċa kienet ġiet imżanżna l-ewwel parti ta' l-apparat tal-lama u bir-rakkmu tad-deheb: pjaneta, żewġ tuniċelli, kappa u velu omeral. Il-parti l-oħra: 4 kappi u tuniċella, kienu lesti sentejn wara. Kollox kien inxtara minn Ruma. Dan l-apparat sabiħ u rikk ingawduh ta' kull sena fil-festa ta' Marija Addolorata, titular tal-parroċċa tagħna.

Wara li kont għaddejt sena fil-kunvent ta' Għawdex, fejn bdejt il-ħidma tiegħi bħala saċerdot, f'Awissu ta' l-1956, kont ġejt mibgħut fil-komunità ta' San Pawl il-Baħar, fejn bqajt sas-sena 1963. F'dawk is-7 snin kienu ħafna l-okkażjonijiet li ġraw u li bqajt niftakar:

Fis-17 ta' Frar 1957 kienet tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja ta' Burmarrad li allura kien għadu jagħmel mal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. L-iskrizzjoni ta' tifkira mħejjija biex titqiegħed f'dik l-ewwel ġebla, kellu nkun jien li niktibha fuq il-parċmina. Meta tlestiet l-ewwel parti tal-knisja, kont aktarx inkun jien li mmur inqaddes ta' kuljum filgħodu kmieni, hekk bqajt sas-sena 1962.

Fis-sena 1959 niftakar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja tal-Kapuċċini fix-Xemxija, li snin wara kellha titwaqqa' minħabba li kellha xi konsenturi perikoluži, u minflokha ftit tas-snin ilu nbniet oħra fuq stil għal kollox differenti, dik li hemm illum.

F'April ta' l-1959, fil-knisja parrokkjali kellna l-ewwel quddiesa solenni ta' P. Raymond Fenech. Kienet ġurnata tal-Ħadd ta' maltmp kbir, riħ u xita! Il-paneġierku kien ghamilulu P. Bernardin Attard OFMConv. P. Raymond miet fl-10 ta' Mejju 1992.

Fis-sena 1960 kien iċċelebrat f'Malta, iċ-Ċentinarju Pawlin, it-tifkira tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta fis-sena 60. Kienu saru festi kbar. Niftakar li f'San Pawl il-Baħar kien ġie l-E.T. il-Kardinal Luigi Traglia li skond il-programm mar u qaddes fuq il-gżejjer ta' San Pawl fost il-ferħ ta' dawk kollha li nġabru kemm fix-xatt, kif ukoll fuq il-gżejjer. Kien il-jum tad-19 ta' Lulju 1960.

Ma ninsa qatt it-traġedja li kienet ġrat fl-ewwel ta' Novembru 1961 qrib it-Torri l-Abjad fl-aħrax tal-Mellieħa. Kien għadu kif ġie inawgurat il-Mużew tas-Subien hawn fil-parroċċa tagħna, meta t-tfal flimkien mas-soċji ħarġu divertita ta' ġurnata. Kienu waslu biex jerġgħu

lura meta ġiet mirfusa bomba ċkejkna tal-gwerra u din splodiet. Ħalliet mejta lil Thomas u Albert, it-tnejn Gauci u kuġini; tfal oħra kienu midruba. Dik il-filgħaxija kien hawn nikteb kbir f'San Pawl il-Baħar!

Okkażjoni oħra kienet seħħet fil-parroċċa fid-29 ta' Ġunju 1961. Din id-darba kienet okkażjoni ta' ferħ kbir, meta l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi kien ġie jamministra s-Sagrament tal-Griżma lit-tfal. Kienet organizzata *carcade* minn Għajn Riħana sa San Pawl meta mbagħad ingħaqdet ukoll il-banda. Iz-Z.H.N. kellhom sehem kbir f'din il-manifestazzjoni, għaliex qabel jidħol fil-knisja kellu jgħaddi fis-*section* li kienu għadhom kemm akkwistaw biex ibierek il-post u jikkonsagra 'l-membri kollha lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija.

Niftakar ukoll meta fit-23 ta' Diċembru 1962 kien ġie mżanżan u mbierek it-Tabernaklu ta' l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali. Kien ġie mkabbar u miksi bi pjaċir tal-fidda u maħsula bid-deheb. Ġie wkoll imżejjen b'ornamenti tal-filugranu b'deheb li kien mogħti minn diversi parruċċani. Fih ukoll 4 simboli ta' l-Ewkaristija taċ-ċeramika. Dar sabiħa u li tixraq lil Ġesù Sagramentat!

Dik is-sena wkoll 1962, in-Novena tal-Milied bil-quddiesa kienet saret għall-ewwel darba filgħaxija. Fis-snin ta' qabel kienet dejjem issir fil-quddiesa ta' l-ewwel fl-4.30am li għaliha kienu jiġu ħafna nies, anke minn Burmarrad.

Waslet imbagħd il-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali. Kienu ilhom hemm imwaħħlin it-12-il salib mal-pilastri, imma għal raġuni jew oħra, il-konsagrazzjoni ma kinitx saret. Imma fl-aħħar waslet! Kien il-jum 4 ta' Mejju 1963, meta Mons. M. Gonzi, Arċisqof ta' Malta, ikkonsagraha bl-akbar solennità. Ta' min jgħid li meta l-knisja ġiet imkabbra u inawgurata fl-1 ta' April 1979, wara tmient ijiem ta' festi, kienet ikkonsagrata għal darb'oħra, din id-darba mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca, nhar it-8 ta' April.

U hekk nasal għall-aħħar okkażjoni, u li fiha kelli sehem jien ukoll. Din kienet il-festa ta' l-ewwel quddiesa solenni ta' P. Paskal Magro, u li kienet ġietorganizzata mal-festa titulari ta' Marija Addolorata. Kien l-aħħar Ħadd ta' Lulju 1963. Id-diskors ta' l-okkażjoni kien għamlu z-ziju tiegħu, P. Feliċ Sammut OFMConv. u li kien laqqa' flimkien iż–żewġ festi: l-Addolorata u s-Saċerdot Novell.

Din kienet l-aħħar okkażjoni tiegħi, għaliex għal nofs ix-xahar ta' Awissu kont ħallejt il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar u sirt membru tal-komunità tal-Belt Valletta. Kienet is-sena 1963.

*Fl-okkażjoni tal-Ftuħ mill-Ġdid*
*taċ-Ċentru Laburista ta' San Pawl il-Baħar,*
*nixtiequ nawguraw*
*l-Festa t-Tajba*
*lir-residenti kollha tal-lokal*

Avviż bi Ħlas.